MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 80

It-Tnejn, 18 ta' Diċembru, 2017

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI

Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 80.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

80.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġija.

## 80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

80.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 76 (sitta u sebgħin) li saret nhar it-Tnejn, 23 ta' Ottubru, 2017 fis-7.30pm. ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

Il-minuti tal-laqgħa Numru 77 (sebgħa u sebgħin) li saret nhar l-Erbgħa, 1 ta' Novembru, 2017 fis-6.15pm. ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

Il-minuti tal-laqgħa Numru 78 (tmienja u sebgħin) li saret nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2017 fis-6.30pm ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

Il-minuti tal-laqgħa Numru 79 (disgħa u sebgħin) li saret nhar it-Tnejn 20 ta' Novembru, 2017 fis-6.30pm ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

### Korrezzjonijiet

Minuti tal-laqgħa Numru 76, is-Sur Horace Anastasi kien Assenti u mhux Preżenti .

Minuti tal-laqgħa Numru 77 ma kienx hemm korrezzjonijiet.

Minuti tal-laqgħa Numru 78, isem is-Sur Darren Carabott jitneħħa minn Preżenti.

Minuti tal-laqgħa Numru 79:
79.6.1 wara l-kelma "il-mozzjoni", jiżdied " Is-Sur Darren Carabott sostna li l-mozzjoni kien fiha r-rekwiżiti kollha biex tissejjaħ laqgħa b'urġenza għax il-liġi ma tispeċifikax jekk tridx tissejjaħ laqgħa b'urġenza bil-verbal jew bil-kitba. Huwa staqsa min kien li rrifjuta l-laqgħa b'urġenza . Is-Sindku rrimarka li f'ebda stadju ma rrifjuta għal-laqgħa b'urġenza in vista li din qatt ma ntalbet skont il-mozzjoni kif ġiet ippreżentata oriġinarjament mill-kunsillier is-Sur Darren Carabott."

## 80.2.2 Punti mqajma mill-minuti

80.2.2.1 Minuti 76 – Is-Sur Horace Anastasi rrimarka li kien ippreżenta ċ-ċertifikat mediku. Ġie nnutat li dan ġie ppreżentat diversi ġranet wara l-imsemmija laqgħa.

80.2.2.2 Minuta 78.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Perit ikkonferma li r-rati stipulati minn *Central Asphalt Ltd* fit-*tender Major Patching Works and Pavement Works* huma skont ir-rati tas-suq.

Għaldaqstant, il-kuntratt jista' jiġi ffirmat. Il-kuntratt ser isir għal sentejn u jiġġedded sena, sena għal sentejn oħra.

Il-membri qablu unanimament.

80.2.2.3 Minuta 79.2.2.2 – Is-Sindku informa lill-membri li rċevjna kopji tal-*logbooks* mingħand WM Environmentals Ltd. Il-Contracts Manager ser jikkonferma li l-vetturi huma dawk użati għas-servizz ta' ġbir ta' skart ġewwa Santa Venera, li huma konformi mat-*tender spefications* u li huma *Euro 5*.

80.2.2.4 Minuta 79.2.2.3 – Is-Sur Jason Mangani informa lis-Sindku u lill-membri tal-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Jane Yvonne Spiteri, iltaqgħu b'mod separat mas-Sinjura Dolores Bonello, il-kap taċ-Centru ta' Matul il-Jum kif ukoll mas-Sur Richard Attard, il-persuna inkarigata mit-trasport tal-anzjani lejn u miċ-Ċentru. Meta ġew mistoqsija minn kien li ħareġ l-ordni sabiex jiżdied vjaġġ ieħor, huma t-tnejn qalu li kien qalilhom xi ħadd, iżda ma jiftakrux min. Kemm is-Sa Doris Bonello kif ukoll is-Sur Richard Attard ġew avżati biex qabel jirċievu struzzjonijiet preċiżi mill-Kunsill, ma jsir xejn minn jeddhom u l-vjaġġ ta' nhar ta' Tlieta jibda jseħħ meta javżahom bil-miktub il-Kunsill.

F'dan l-istadju, fis-7.15pm is-Sur Jason Mangani ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

80.2.2.5 Minuta 79.2.2.5 – Is-Sindu informa lill-membri li kkuntattja lis-Sur Edward Duncan kif ukoll lis-Sur Mark Borg sabiex jiffurmaw parti mill-Bord tal-Għażla. It-tnejn li huma aċċettaw u għaldaqstant ser tintbagħat ittra formali tal-ħatra.

Il-membri qablu unanimament.

80.2.2.6 Minuta 79.2.2.7 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Villaġġ tal-Milied sar nhar is-Sibt 16 ta' Diċembru, 2017 u kien suċċess. Ġew miġbura €200 li ser jiġu ppreżentati lill-Istrina.

80.2.2.7 Minuta 79.3.4 – Is-Sindku informa lill-membri li l-applikazzjoni tagħna tal-Inizzjattiva tar-Restawr ġiet irrifjutata bi żball għaliex il-Knisja li bbenefikat mir-restawr hija l-Knisja ta' San Franġisk li hija fil-konfini tal-Hamrun u mhux fil-konfini ta' Santa Venera. L-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera xorta ġiet rifjutata għaliex il-linji gwida kienu jistipulaw li r-restawr irid isir fuq barra u mhux fuq ġewwa.

80.2.2.8 Minuta 79.3.5 – Is-Sindku fakkar lill-membri li ser issir bibita bl-ikel ikun għas-spejjeż tiegħu, nhar il-Ġimgħa 22 ta' Diċembru, 2017 fis-1.00pm u stieden lill-membri kollha sabiex jattendu.

80.2.2.9 Minuta 79.5.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Laqgħa Pubblika ser issir nhar il-Ġimgħa 29 ta' Diċembru, 2017 fis-6.00pm fejn ser jiġu ppreżentati l-*Budget* u r-Rapport Amministrattiv tas-sena 2016.

80.2.2.10 Minuta 79.5.3 – Is-Sindku informa lill-Membri li l-Perit ikkonferma r-rati li l-kumpanija Linda Renda Tekne ippreżentat huma skont is-suq, għalkemm kien hemm minnhom li kienu xi ftit għola. Xorta ġie nnutat li din l-offerta kienet l-irħas waħda u għaldaqstant għandu jiġi ffirmat il-kuntratt.

Il-membri qablu unanimament.

80.2.2.11 Minuta 79.6.1 – Il-Kunsillier is-Sur Darren Carabott staqsa x'avvanzi saru wara li huwa ppreżenta mozzjoni fil-laqgħa tal-20 ta' Novembru, 2017. Is-Sindku informa li intalbet laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija, iżda fid-data li ngħata, is-Sindku ma setax jattendi u għaldaqstant intalbet data oħra.

## 80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Xejn

## 80.4 *Rapporti/Korrispondenza*

Xejn

## 80.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

80.5.1 Is-Sindku informa lill-membri li rigward il-kuntratt tal-knis, l-bord tal-*Public Contracts Review Board* iddeċieda li trid terġa ssir evalwazzjoni għax skont huma ma kienx hemm *level playing field.* Is-Sindku argumenta li s-sigħat ta' xogħol u taqta' l-ispejjez, il-kuntrattur is-Sur Owen Borg kien ser jiġi jaħdem bit-telf. Dan apparti li l-budget tal-Kunsill huwa ta' €140,000 filwaqt li l-offerta ta' Owen Borg kienet dik ta' €156,000. Ġie nutat ukoll li l-kuntrattur Owen Borg kellu kontradizzjoni bejn l-*EPPS report* u *t-technical report.* Għaldaqstant, l-avukat issuġġeriet li l-kuntratt għandu jaqa' u terġa tinħareġ sejħa mill-ġdid bil-*BPQR – Best Price Quality Ratio.*

Is-Sindku informa li ġaladarba l-kuntratt eżistenti huwa skadut, nistgħu inġibu 3 kwotazzjonijiet għal 3 xhur sakemm tinħareġ sejħa mill-ġdid u sakemm ukoll li l-ispiża ma tiżboqx il-€5,000 (VAT eskluża).

Tista' ssir ukoll *Public Call Quotation* għal €10,000 fis-sena.

Il-membri qablu unanimament sabiex jiskatta l-proċess u jinġiebu 3 kwotazzjonijiet bil-miktub.

## 80.6 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

Xejn

## 80.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

80.7.1 L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

Fit-8.20 pm is-Sa Elizabeth Vella ġiet skużata għall-kumplament tal-laqgħa.

## 80.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 676 sa lment numru 710.

| | |
|---|---|
| 676 | Pulizija |
| 677 | Hemm kwerela bħalissa |
| 678 | Ħaddiema Assenjati |
| 679 | Ħaddiema Assenjati |
| 680 | Rifjutata |
| 681 | Contracts Manager |
| 682 | Ħaddiema Assenjati jew Grima |
| 683 | Works Order |
| 684 | Ħaddiema Assenjati |
| 685 | Works Order kienet diġa ntbgħatet |
| 686 | Ħaddiema Assenjati – it-Triq kollha |
| 687 | GO plc |
| 688 | Nitolbu biex naraw il-Permessi |
| 689 | Ħaddiema Assenjati |
| 690 | Naraw ta' min hu l-garaxx |
| 691 | Kuntrattur tal-knis |
| 692 | Ħaddiema Assenjati |
| 693 | Ħaddiema Assenjati |
| 694 | Ġardinar |
| 695 | Ġie nnutat li l-ħwienet indikati mhumhiex qedgħin ħdejn xulxin - Transport Malta |
| 696 | Talba għal infurzar |
| 697 | Ħaddiema Assenjati |
| 698 | Ħaddiema Assenjati |
| 699 | Ħaddiema Assenjati |
| 700 | Ħaddiema Assenjati |
| 701 | Ħaddiema Assenjati – 1. Triq iż-Żonqor k/m Triq il-Blata l-Kaħla |

| | 2. Triq il-Ħarrub k/m Triq is-Soll |
|---|---|
| 702 | Il-madum miksur inġabar mill-Ħaddiema Assenjati |
| 703 | Issir mir-Residenti |
| 704 | Contracts Manager |
| 705 | Contracts Manager |
| 706 | Transport Malta |
| 707 | Ħaddiema Assenjati |
| 708 | Kienet approvata u għandha ssir minn Micamed |
| 709 | Tintbagħat ittra |
| 710 | Ħaddiema Assenjati |

## 80.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-8.40 pm u ġiet aġġornata għal-22 ta' Jannar, 2018, fis-6.30pm.

Konfermati, illum 22 ta' Jannar, 2018

IFFIRMATI

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATI

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv